QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
SEDE KOSTITUZZJONALI

IMHALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2025**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Guramentat Numru:- 121/2023 JVC**

**S.O.C & K Co. Limited (C-8141)**

**vs**

**Avukat tal-Istat u Joseph Briffa (K.I. nru. 0807657M) u Carmen Briffa (K.I. nru. 0389556M) ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali illi permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti S.O.C & K Co. Limited (C-8141) talbet kif isegwi:

1. 'Ir-rikorrenti hija s-sid tal-proprjeta' *ossia* l-fond 220, 'L-antika', Main Street, Balzan.

2. L-inkwilini ilhom jokkupaw il-fond surriferit ghal zmien twil taht titolu ta' kera stabbilit u mizmum taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69, senjatament l-artikolu 3, flimkien mad-disposizzjonijiet tal-Att X tal-2009, senjatament l-artikolu 1531C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi ghalhekk l-intimati baqghu jgawdu kirja sfurzata fuq is-sid u jhallsu kera baxxa, illi hija dik il-kera massima li jipprospetta l-artikolu 1531C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma nzamm il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin. Ma hemm l-ebda dubju illi din hija id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin. Ma hemm l-ebda dubju illi din hija kera baxxa, specjalment ikkunsidrat dak li l-proprjeta' kapaci iggib fis-suq miftuh.

4. Illi huwa stat ta' fatt illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-anqas qabel dahal fis-sehh l-Att XXIV tal-2021, ta d-dritt lill-intimati li jibqghu jghixu fil-fond suriferit minkejja li skada t-terminu lokatizju, b'kera irrizorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas zzomm bilanc bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, bl-uniku awment permessibli jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-

Awtoritajiet Govnernattivi. Dan irrizulta ghal relazzjoni sforzata ta' sid u inkwilin ghall-perjodu indefinit.

5. Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti giet mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta' taghha, minghajr ma giet moghtija kumpens xieraq ghat-tehid tal-pussess tal-istess fond. Ghaldaqstant giet privata mill-proprjeta' bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Il-livell baxx ta' kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilita' tat-tehid lura ta' propjeta', in-nuqqas ta' salvagwardja procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawk l-ahhar decimi u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti.

7. Ghalhekk fil-fehma umili tar-rikorrenti, d-drittijiet taghha gew miksura l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement ghandha dritt tircievi kumpens stante illi giet privata, minghajr ma nghatat kumpens gust ghat-tgawdija tal-proprjeta'.

**Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex:**

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXIV tal-2021, inkluz tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-ligi, u/jew minhabba l-Att X tal-2009, gew u vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu ossia l-fond numru 220, 'L-Antika', Main Street, Balzan bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (L-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-perkunjarji, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-ligijiet succitati fit-talba precedenti;

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni bil-hatra ta' perit nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni likwidati;

5. Taghti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa;

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghs-subizzjoni.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, is-soċjeta' rikorrenti għandha ġġib prova:
    a. tat-titolu li għandha fuq il-fond 220, 'L-Antika', Main Street, Balzan; u
    b. tal-allegat ftehim tal-kirja u prova konvinċenti li tali kirja tabilħaqq hija regolata bil-**Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur **tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

3. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista' jissustixxi biss **sal-1 ta' Ġunju 2021** u cioè sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV ta' 2021;

5. Illi bla ħsara għal dak ġia eċċeppit, mal-miġja tal-**artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrenti ma tistax iżjed tilmenta dwar il-fatt li l-kirja in kwestjoni ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, r-rikorrenti tista' titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera, li l-kera tiġi miżjuda għall-ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi mressqa t-talba għaż-żieda

fil-kera. Żieda fil-kera bir-rata qrib it-2% żżomm bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sidien u tal-kerrej u dan partikolarment meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma huwa f'dan il-każ. F'każijiet bħal dawn il-kumpens dovut lis-sid minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ħwejġu, jiġbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq. Illi b'żieda ma dan kollu, skont l-istess **artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, sidien bħar-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kirja, jekk juru l-inkwilini ma ħaqqhomx protezzjoni mill-Istat;

Illi konsegwentement u kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti jidrilha li l-intimati qed jokkupaw il-fond in mertu bis-saħħa **Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-**Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta** huma nulli u mingħajr effett fil-konfront tal-kirja ta' bejn il-partijiet. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti **lanqas ma għandha tgħaddi biex tiddikjara li l-intimati ma jistgħux jistrieħu aktar fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost jirriżulta li ma hemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tas-soċjeta 'rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.'

Rat ir-risposta tal-intimati Joseph Briffa et li taqra kif isegwi :

1. 'Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha;

2. Illi l-esponenti jirrilevaw li n-numri tal-karta tal-identita' kif indikati fir-rikors promotur ġew indikati b'mod invers b'dan li n-numru tal-karta tal-identita' tal-esponent Joseph Briffa huwa 389556M filwaqt li tal-esponenti Carmen Briffa huwa 807657M;

3. Illi preliminarjament ma saret l-ebda talba fil-konfront tal-esponenti u għalhekk huma ġew imħarrka inutilment kif ukoll m'humiex il-leġittimi kontraditturi u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Illi preliminarjament l-esponenti jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-mansjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha stante d-disponibilità ta' rimedju ordinarju fil-konfront tal-esponenti liema rimedju seta' jiġi eżerċitat quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera;

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tabliet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* li huma infondati fil-fattu fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elekati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

6. Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrilevaw li skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu

xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-propjeta' skont l-interess ġenerali. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali. Tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġjonevoli – li żgur m'huwiex il-każ;

7. Illi l-liġijiet li qiegħda tilmenta minnhom ir-rikorrenti huma maħsuba sabiex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar ta' abitazzjoni tagħhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom fil-kuntratt tal-kiri. B'hekk dawn l-artikoli żgur li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala mhux leġittimi jew mhux fl-interess ġenerali u dawn l-artikoli assolutament m'għandhomx jitqiesu li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

8. Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ma jikkonċedi ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt. Allura, fil-kuntest ta' proprjetà li qed isservi għall-finijiet ta' *social housing*, żgur li ma jistax jiġi kkontemplat xi dritt simili;

9. Illi fil-mertu wkoll, l-esponenti jirrilevaw li dan il-fond ġie mikri bi qbil bejn l-antekawża tar-rikorrenti u l-ġenituri tal-intimat Joseph Briffa bi qbil bejniethom pjenament konxji bl-istat tal-liġi viġenti fiż-żmien;

10. Illi jekk ir-rikorrenti qiegħda tilmenta li qiegħda tiġi ppreġudikata minħabba l-fatt li l-ammont ta' kera ma

jirriflettix il-valur reali tal-fond in kwistjoni, dan ma jistax jiġi rrimedjat bit-tneħħija tal-artikoli tal-Kapitolu 69 jew tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 jew bl-iżgumbrament tal-okkupant/i. Dan qed jingħad għaliex ma jkunx jagħmel sens li wieħed jagħraf l-iskop, il-ħtieġa u l-leġittimità tal-miżuri msemmija biex imbagħad jinnewtralizzahom billi jagħmilhom inapplikabbli bl-iżgumbrament tal-okkupant/i;

11. Illi b'żieda ma' dan għandu jingħad illi l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att XXIV tal-2021, speċjalment permezz tal-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69, sabiex filwaqt illi s-sidien ta' proprjetajiet mikrija b'kirjiet li jmorru lura għal qabel is- sena 1995 jingħataw aktar kumpens ossija kumpens xieraq ibbażat fuq il-valur fis-suq tal-proprjetà, inkwilini fil-pożizzjoni tal-esponenti ma jispiċċawx mingħajr saqaf fuq rashom u għalhekk jekk qatt ir-rikorrent sofra *an unfair and excessive burden* dan huwa possibbli li jiġi rimedjat permezz ta' proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, liema proċeduri r-rikorrenti seta' jagħmel użu minnhom;

12. Illi bla ħsara għal dak diġa eċċepit, mad-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ma tistax iżjed tilmenta li l-kirja in kwistjoni ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ir-rikorrenti tista' titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera li l-kera tiġi miżjuda għall-ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matula tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Żieda b'din ir-rata żżomm bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sidien u tal-kerrejja u dan partikolarment meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess

pubbliku, bħalma huwa f'dan il-każ. B'żieda madankollhu, skont l-istess Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, sidien bħar-rikorrent jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-propjeta' u ma jġeddux il-kirja, jekk juru li l-inkwilini ma ħaqqhomx protezzjoni tal-liġi;

13. Illi f'kull każ l-esponenti m'għandhomx iwieġbu dwar il-validità ta' liġijiet li qiegħdin jiġu kkontestati f'dina l-kawża u dan għaliex *qua* ċittadini huma m'humiex l-awturi ta' dawn il-liġijiet iżda qiegħdin sempliċiment jipprevalixxu ruħhom mill-provvedimenti ta' liġi viġenti u statutorjament validi;

14. Illi għalhekk ukoll u fi kwalsiasi każ, l-esponenti ma għandhomx jiġu kkundannati la li jħallsu xi kumpens lir-rikorrent u lanqas li jħallsu l-ispejjeż ta' dina l-kawża;

15. Illi għalhekk ukoll hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti li llum jeżistu rimedji alternattivi u adegwati għal-lanjanzi tar-rikorrenti u għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-mansjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha;

16. Illi in oltre l-esponenti jwieġbu wkoll li dina l-Onorabbli Qorti m'għandha fl-ebda każ tgħaddi sabiex issib ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021;

17. Salv tweġibiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż.'

Rat l-affidavits, kuntratti, kopja tal-ktieb tal-kera, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li permezz tal-verbal tas-27 ta' Gunju 2023 Dr. Carlos Bugeja ghar-rikorrenti talab il-hatra ta' Perit Tekniku sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond bin-numru 220, L-Antika, Main Street, Balzan mis-sena 1987 u kull hames snin sal-ahhar ta' Mejju 2021. Il-Qorti rat li l-intimati m'oggezzjonawx ghat-talba salv ghall-ispejjez, u laqghet it-talba u ħatret lill-Perit Tekniku Valerio Schembri.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri prezentat fl-atti nhar is-26 t'Ottubru 2023, u mahluf nhar it-18 ta' Dicembru 2023 a fol. 15 et. seq tal-process.

Rat illi fil-verbal datat 30 ta 'April, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta ' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta 'sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor tal-kaz odjern huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti tipremetti li hija l-proprjetarji tal-fond 220, 'L-antika', Main Street, Balzan. Rat illi permezz ta' cedola ta'

depozitu esebita a fol. 28 tal-process l-inkwilini jirrikonoxxu lis-socjeta' rikorrenti bhala sid il-fond in kwistjoni.

2. Jirrizulta illi l-fond kien jinkera lill-genituri tal-intimat Joseph Briffa fl-1950, b'kirja ta' 16c 8d pagabbli kull tlett xhur liema kera żdiedet minimament tul is-snin, bl-ahhar pagament ta' €217.67 fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, b'awment tenwi kull tlett snin skont l-oghli tal-hajja.

**Rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri:**

Illi b'digriet tas-27 ta' Gunju 2023 a fol. 9 tal-process gie nominat il-Perit Tekniku Valerio Schembri sabiex jaccedi u jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond bin-numru 220, L-Antika, Main Street, Balzan mis-sena 1987 u kull 5 snin sal-ahhar ta' Mejju 2021.

Il-Perit Tekniku Valerio Schembri pprezenta r-rapport tieghu nhar is-26 t'Ottubru 2023 u mahluf nhar it-18 ta' Dicembru 2023 li jinsab a fol. 16 et seq tal-process. Jirrizulta mir-rapport li l-Perit Tekniku ta deskrizzjoni ta' fhiex tikkonsisti l-proprjeta' in kwistjoni u ghadda sabiex jaghti l-valutazzjoni tal-proprjeta' u finalment il-valur lokatizzju tal-fond fis-snin mitluba.

Il-Perit Tekniku Schembri nnota li l-fond huwa strutturalment b'sahhtu, mizmum fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u servut bis-servizzi kollha tad-dawl elettriku, ilma u drenagg.

Il-Perit Tekniku Schembri rrelata li l-valur tal-proprjeta' fis-suq liberu u frank huwa dak ta' erba' mija u hamsin elf Ewro (€450,000).

Il-Perit ghadda wkoll sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju fis-suq miftuh tal-istess fond ghall-perijodi mis-sena 1987 sas-sena 2021 kif isegwi:

| **Sena** | **Valur tal-Kirja (Annwali)** |
|---|---|
| 1987 | €975 |
| 1992 | €1,600 |
| 1997 | €2,850 |
| 2002 | €3,525 |
| 2007 | €5,400 |
| 2012 | €5,425 |
| 2017 | €7,150 |
| 2021 | €8,500 |

Mill-process jirrizulta li Dr C.arlos Bugeja talab li jaghmel eskussjoni tal-Perit Tekniku Valerio Schembri viva voce. Meta mistoqsi fuq il-*yield value* uzat fil-valutazzjoni tieghu minn Dr Lennox Vella, l-Perit jispjega illi huwa qabbel il-valur tal-propjeta' mas-suq tal-kera kif ukoll ra x'propjetarjiet kien hemm fis-suq u qed jigu mfitxija. Il-Qorti rat ukoll li hadd mill-partijiet ma ressaq talba ghan-nomina ta' periti perizjuri.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat: il-prova tat-titolu u tal-kirja:</u>**

Bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu l-Avukat tal-Istat eccepixxa li r-rikorrenti jridu jgibu l-ahjar prova tat-titolu taghhom fuq il-proprjeta', kif ukoll prova tal-kirja u prova konvinċenti li tali kirja tabilhaqq hija regolata bil-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, ghal dak li huwa t-titolu tar-rikorrenti, il-Qorti tirrileva li fi proceduri bhal dawk odjerni, mhuwiex mistenni mir-rikorrenti li ggib prova assoluta tat-titolu taghhom, ghaliex proprju l-kwistjoni ma tirrigwardax it-titolu.

Illi izda minn ezami tal-provi jirrizulta li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li b'xi mod tevidenzja kif hi saret proprjetarja tal-fond in kwistjoni u wisa anqas minn meta. L-unika prova fl-atti li tindika lis-socjeta' rikorrent bhala s-sid, kif gia suespost, hija c-cedola ta'

depozitu esebita a fol. 28 li fuq kollox iggib id-data tat-18 ta' April, 2023 liema dokument mhux sufficjenti bhala prova tat-titolu.

Illi l-Qorti rizultat ta' dak suespost mihiex sodisfatta li s-socjeta' rikorrenti gabet prova tat-titolu taghha fuq il-fond in kwistjoni aktar u aktar meta jidher li skont ic-cedola esebita a fol. 27 tal-process sa' Mejju 2022 il-hlas tal-kera kien ghadu qed isir permezz ta' cedoli li juru lil certu Joseph Oliver Ruggier bhala s-sid u mhu lis-socjeta' rikorrenti.

In vista li din il-Qorti ma tistax tistabilixxi jekk hux minnu li s-socjeta' rikorrenti hija s-sid tal-fond in kwistjoni u wkoll minn meta, l-Qorti tqis li ma tistax tmur oltre fil-pretensjonijiet tal-istess li b'xi mod gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha u ser tghaddi ghalhekk sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

In vista li t-talbiet tar-rikorrenti ser jigu michuda ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tqis li jkun futli li tidhol ulterjorment fl-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta'  u tiddeciedi r-rikors odjern billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat intimat f'dik il-parti fejn tinsisti li s-socjeta' rikorrenti trid tressaq prova dwar it-titolu taghha u stante li din il-Qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti ma ssodisfatx din il-prova, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Marzu, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Marzu, 2025**